**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 22 ta' Mejju 2025

Każ Numru: 459/2017

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Paula Ciantar)

**Vs**

**Lourdes (Maria Lourdes) Schembri**

(Detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 373576(M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata, **Lourdes (Maria Lourdes) Schembri** ta' 41 sena, bint Grezzju u Victoria xebba Bonanno, imwielda Pietà, nhar it-3 ta' Lulju 1976, u residenti fil-fond Turchina, Sqaq il-Warda, Għargħur, u detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 373576(M), akkużata talli:

1. Bejn Jannar 2015 u Jannar 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġiegħlet annimal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Art.8 tal-Kap 439 tal-liġijiet ta' Malta.

2. U aktar bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil persuna oħra,

b'mod li kienet taf jew kien imissha tkun taf li dan kien ta' fastidju għal dawk il-persuni liema persuni huma Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard. Art, 251A, 222(1) 202(h) u 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil ħaddieħor u ċioé lil Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard biża li se tintuża vjolenza kontrihom. Art 251B, 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard. Art.221(1), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi jew jekk kienet ipprovokata ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Art 339(e) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għad li kellha l-jedd li twiddeb lil ħaddieħor, ħarġet barra mill-qies. Art 339(h) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmijin Carmelina Attard u Gabriel Ngando Ngeda Attard, u sabiex tapplika l-provediment tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġament għat-trattament ta' Lourdes (Maria Lourdes) Schembri toħroġ ordni ta' trattament.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Carmelina Attard u Gabriel Ngando Ngeda Attard meta tagħti s-sentenza flimkien ma kull piena li tista tagħti lil ħati, b' Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebixxiet iċ-ċertifikat tat-twelid kif ukoll fedina penali ta'l-imputata, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha ta' l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kif ukoll semgħet xi xhieda.

Rat li l-partijiet ddikjaraw illi ma għandhomx aktar provi xi jressqu.

Semgħet it-Trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi l-imputata Lourdes (Maria Lourdes) Schembri qegħda tiġi akkużata b'moħqrija fuq l-annimali, ġabet ruħha b'mod li ffastidjat jew li jmissha li kienet taf li ffastidjat lil Carmelina Attard u lil minuri Gabriel Ngando Ngena Attard, li kkaġunat biża lil Carmelina Attard u lil Gabriel Ngando Ngena Attard li se tintuża vjolenza kontrihom, li kkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard, li għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kienet ipprovokata ħarġet barra mill-limiti kif ukoll li għad li kellha l-jedd li twiddeb lil ħaddieħor, ħarġet barra mill-qies.

**B. <u>L-Eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*</u>**

L-imputata qajmet l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u dan fir-rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba', l-ħames u s-sitt imputazzjoni.

Ġiet preżentata kopja b'akkużi ta' proċeduri li ġew eżawriti, fejn l-imputata ġiet akkużata:

*"U nakkużaha talli nhar is-26 ta' Diċembru 2016 u fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel fi Sqaq il-Warda, Għargħur u fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminjiet differenti, li kisru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula f'riżoluzzjoni waħda:*

1. *Bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil ħaddieħor u ċioé lil Gabriel Ngando Ngeda Attard (ID: 231007L) ta' 9 snin, biża li se tintuża vjolenza kontrih.*
2. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Gabriel Ngando Ngeda Attard (ID: 231007L) ta' 9 snin".*

It-tieni, it-tielet, r-raba', il-ħames u s-sitt il-imputazzjoni li f'dawn il-proċeduri l-imputata qegħda tiġi akkużata bihom huma s-segwenti:

*"2. U aktar bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil persuna oħra, b'mod li kienet taf jew kien imissha tkun taf li dan kien ta' fastidju għal dawk il-persuni liema persuni huma Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard. Art, 251A, 222(1) 202(h) u 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil ħaddieħor u ċioé lil Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard biża li se tintuża vjolenza kontrihom. Art 251B, 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard. Art.221(1), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi jew jekk kienet ipprovokata ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Art 339(e) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.*

*6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għad li kellha l-jedd li twiddeb lil ħaddieħor, ħarġet barra mill-qies."*

Illi fil-liġi Maltija din l-eċċezzjoni hija regolata ai termini tal-Artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-istess kwistjoni hija regolata ukoll ai termini tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta taħt l-Artikoli 1 sa 5 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

L-imputata tinsisti li r-reati ikkontemplati fit-tieni, fit-tielet, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt il-imputazzjonijiet u r-reati li ġiet akkużata bihom fil-proċeduri li ġew deċiżi fis-27 ta' Diċembru 2016 huma reati kkawżati mill-istess fatt u konsegwentement l-imputata ma tistax tiġi proċessata darbtejn għax dan huwa ksur tad-drittijiet tagħha.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Fredrick Dalli** deċiża fit-23 ta' Frar 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad is-segwenti:

*"Illi, fil-ħames aggravju mqanqal minnu, l-appellant iqajjem l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem u dan fir-rigward tal-imputazzjonijiet relatati mal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu, u ċioe' is-sitt u is-seba' imputazzjonijiet. Dan għaliex, jikkontendi illi huwa kien diġa' mixli f'proċeduri separati u ġġudikat fuq dan il-ksur u għalhekk ma setax jerġa' jinstab ħati dwar l-istess. Illi l-appellant ġie akkużat li kiser żewġ digrieti tal-ħelsien mill-arrest, digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli nhar l-14 ta' Marzu 2019 u digriet ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit) tat-8 ta' Mejju 2019.*

*Illi, fl-atti hemm eżebita sentenza mogħtija minn din l-Qorti, diversament presjeduta, tat-23 ta' Novembru 2021, u dan wara appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Marzu 2020 fil-konfront tal-appellant, fejn huwa kien mixli u misjub ħati talli nhar it-3 ta' Frar 2020 u fil-ġimgħat u/jew ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gzejjer kiser waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti datati 14 ta' Marzu 2019, 8 ta' Mejju 2019 u 24 ta' Lulju 2019.*

*Dan seħħ meta huwa kiser l-obbligu li jirrapporta ġewwa l-għassa tal-pulizija f' madwar ħmistax-il okkażjoni. Minħabba f'dan il-ksur din l-Qorti, diversament preseduta, kienet ordnat li fir-rigward tad-digriet datat 14 ta' Marzu 2019, jkun hemm il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tassomma ta' €1000 rappreżentanti parti mid-depożitu bħala garanzija kif ukoll fir-rigward tad-digriet datat 8 ta' Mejju 2019, kienet ordnata il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €3000 mid-depożitu u finalment fir-rigward tad-digriet datat 24 ta' Lulju 2019, saret l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' €1,000 bħala depozitu u €5,000 mill-garanzija personali mogħtija f'dak id-digriet.*

*Illi l-prinċipju tan-ne bis in idem jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u cioe' fil-Kodiċi Kriminali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju*

*jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet fondamentali tal-Unjoni li jaqra:*

*"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.*

*Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 il-Konvenzjoni ghallImplimentazzjoni tal-Ftehim Schengen KIFS) jistipula:*

*"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."*

*Illi jqum id-dibattitu li ta' sikwit isib ruħu f'ħoġor kemm il-qrati lokali kif ukoll dawk fuq livell ewropew dwar dak li għandu jikkostitwixxi l-"idem" u cioe' jekk huwiex il-process gudizzjarju mill-ġdid dwar l-istess 'reat jew reati' jew inkella dwar l-istess 'fatti' jew 'azzjonijiet'. Illi kemm fil-liġi penali tagħna kif ukoll fil-jedd imhares mill-Kostituzzjoni tinsorgi din id-distinzjoni kif ukoll f'dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;*

*"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra."*

*Dana jippostula żewġ elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi illiberat mill-akkużi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat"*

*Wieħed allura jistaqsi b'liema kejl ghandha tigi deċiża l-eccezzjoni ta ne bis in idem, hux jekk bil-fatt illi il-ġudikabbli ikun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew jekk ikunx ġie hekk ipprocessat dwar l-istess reati.*

*Issa l-qrati tagħna dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem, bħala dak ċċitat fid-deċiżjoni "Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea" [15.6.1918] u ċioe' fejn intqal li : "un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra . "The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."*

*Illi s-sentenza tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-prinċipju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.*

*"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti millartikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."*

*Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

*Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:*

*"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"*

*Illi fil-każ odjern, ma jistax jingħad illi l-imputazzjonijiet huma mibnija fuq l-istess fatti għalkemm ir-reat huwa l-istess. L-appellant bir-reati minnu kommessi u li dwarhom kien misjub ħati, għal darb'oħra ikkommetta reat "ġdid" u ċioe' vjolazzjoni "ġdida" tar-reat imfassal fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali…"*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Aquilina** deċiża fil-5 ta' Diċembru 2023 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad is-segwenti:

*"Il-ġurisprudenza identifikat ir-rekwiżiti bażiċi li jridu neċessarjment jirriżultaw sabiex id-difiża tan-ne bis in idem tiġi eċċepita b'suċċess: i) it-teħid ta' proċeduri jew l-għoti ta' piena mill-ġdid f'proċeduri oħra ġodda fuq l-istess fatt;*

*ii) l-ewwel proċedura u t-tieni proċedura jkunu ta' natura kriminali u li jistgħu iwasslu għal imposizzjoni ta' sanzjoni penali;*

*iii) il-proċeduri penali jkunu jirrigwardaw reat li dwaru tkun diġa' ngħatat deċiżjoni finali; iv) fl-istess ġurisdizzjoni u*

*v) skont il-liġi u l-proċedura ta' dak il-pajjiż.*

*F'dan il-każ jirriżulta mis-sentenza eżebita f'paġna 16 tal-atti proċesswali li r-reat li tiegħu l-appellant instab ħati mit-Tribunal Lokali kien dak ta' sewqan ta' vettura b'veloċita' eċċessiva. Dan irreat imbagħad jinstab replikat fir-raba' imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant fil-kawża in diżamina. Għalhekk, għal dak illi jirrigwarda limputazzjoni numru erbgħa, l-appellant kien ikollu raġun illi jilmenta kif kien hemm deċiżjoni preċedenti li għaddiet in ġudikat fuq l-istess fatt, mogħtija minn Qorti kompetenti u li tagħha ngħata piena.*

*Iżda, il-kwistjoni hija iżjed komplessa minn hekk. L-appellant issoleva l-eċċezzjoni tan-ne bis in idem fir-rigward tad-deċiżjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għal ħames u għas-sitt imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Issa dawn l-imputazzjonijiet verament jirreferu wkoll għal inċident li seħħ fis-27 ta' Settembru 2020 u li konsegwenza tiegħu inbdiet il-proċedura kontravvenzjonali quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja li tagħha l-appellant ġie misjub ħati kif ukoll il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).*

*B'hekk jista' jingħad li l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant jitnisslu mill-istess inċident. Iżda dak l-inċident ma kienx wieħed sempliċi iżda kien wieħed kompless. L-inċident kien kompost minn sensiela ta' episodji fattwali li għalkemm seħħew fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fl-istess waqt dawn l-episodji taw lok għall-azzjoni penali in bażi għal fatti li kienu ġuridikament distinti minn xulxin u mnissla minn episodji fattwali differenti.*

*L-ewwel erba' imputazzjonijiet huma marbuta mal-mod u mal-manjiera li biha l-appellant kien qiegħed jopera l-vettura minnu misjuqa. Dawn huma reati ta' natura kontravvenzjonali li jitnisslu mill-fatt tas-sewqan tal-appellant.*

*Mill-banda l-oħra, ir-reat imputat fil-ħames imputazzjoni huwa dak ravviżat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li s-sitt imputazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 249 tal-imsemmi Kodiċi.*

*Ir-reati kontestati lill-appellant verament li seħħew f'kuntest spazjo temporali komuni, iżda ġuridikament u materjalment kienu distingwibbli minn xulxin.*

*Skont ma jirriżulta mill-affidavits ta' PS 1226 u PC 475 l-appellant l-ewwel twaqqaf minnhom minħabba sewqan eċċessiv. Allura dak il-kuntest kien jikkomprendi fih il-fatt ġuridiku li l-appellant, allegatament, ma kienx qiegħed isuq il-vettura bil-mutur tiegħu skont il-Liġi.*

*Sussegwentement, u allura <u>wara</u> li kien seħħ l-allegat episodju tas-sewqan tal-vettura bil-mutur mhux skont il-Liġi u konsegwentement ġie mwaqqaf mill-Pulizija, dawn ħarkuh u għaddewlu it-taħrika. Kien <u>wara</u> li huwa ingħata d-dokument tat-taħrika li skatta l-episodju fejn skont il-Prosekuzzjoni l-appellant allegatament ġab b'ruħu b'mod li allura kiser id-disposizzjonijiet tal-artikoli 95 u 249 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Il-fatt tas-sewqan mhux b'mod rispettuż mal-Liġi huwa fatt ġuridikament differenti u materjalment distint mill-imġieba suċċessiva tal-appellant manifestata fi kliem u għamil li waslu għall-imputazzjonijiet numru ħamsa u sitta. Għalkemm verament li dawn iż-żewġt episodji seħħew fl-istess kuntest ċirkostanzjali ta' spazju u żmien bid-dekors ta' biss ftit minuti ħin bejn wieħed u l-ieħor, il-proċeduri għal dak li jirrigwarda l-ħames u s-sitt imputazzjonijiet ma jistgħux jitqiesu li kienu bażati fuq l-istess fatti ġuridiċi li taw lok għall-ewwel erba' imputazzjonijiet.*

*Il-Professur Mamo kien stqarr li:*

*The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr.App. 'Pol vs Saliba 28/2/1953 and Pol vs Cassar 9/1/1954; cf also Cr.App Police vs Attard' 17/6/1950).*

*U allura lanqas ma jsib applikazzjoni dak li stqarr l-Imħallef Harding meta tkellem fuq pluralita' ta' offiżi bl-offiża l-iktar gravi tassorbi l-vjolazzjoni l-minuri u dan in kwantu min-natura tar-reati stess, daqskemm miċ-ċirkostanzi li jsawruhom, ma tistax tirriżulta l-figura tar-reat uniku f'dan il-każ jew inkella l-figura tal-mezz għall-fini jew tar-reat kompriż jew involut.*

*Lanqas ma jista jingħad li setgħa kien hemm il-komunanza tal-istess intenzjoni bejn l-ewwel erba' imputazzjonijiet u dawk miġjuba fil-ħames u fis-sitt imputazzjoni in kwantu*

*anke hawn il-ġeneru, natura, essenza u klassifikazzjoni tar-reati huma differenti. L-elementi psikiku fil-kontravvenzjonijiet mhux ekwiparabbli mal-mens rea fil-każ ta' delitti. Għaldaqstant lanqas jista' jsib applikazzjoni l-insenjament tramandat f'Camilleri vs. Cilia u Rex vs. Agatha Mifsud et.*

*Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment tiċħad l-eċċezzjoni ssolevata mid-difiża tan-ne bis in idem fir-rigward tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet."*

Illi f'dawn il-proċeduri l-imputata qegħda tiġi akkużata li wettqet it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017.

Fil-proċeduri l-oħra li ġew eżawriti fis-27 ta' Diċembru 2016, l-imputata kienet akkużata li wettqet l-imputazzjonijiet dedotta fil-konfront tagħha fis-26 ta' Diċembru 2016 u fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel.

Il-Qorti sostni li hija ma taqbilx ma dak sostnut mil-imputata li r-reati ikkontemplati fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' fil-ħames u fis-sitt il-imputazzjonijiet u r-reati li ġiet akkużata bihom fil-proċeduri li ġew eżawriti fis-27 ta' Diċembru 2016 huma reati kkawżati mill-istess fatt u konsegwentament l-imputata ma tistax tiġi proċessata darbtejn għax dan huwa ksur tad-drittijiet tagħha. Tant kemm hu hekk li l-imputata f'dawn il-proċeduri qegħda tiġi akkużata li hija wettqet it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt il-imputazzjoni bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017, u ċioé allegat reati li seħħew wara r-reati li ġiet akkużata bihom fil-proċeduri li ġew deċiżi fis-27 ta' Diċembru 2016.

Għalhekk il-Qorti ssostni li l-proċeduri fil-konfront tal-imputata li ġew eżawriti fis-27 ta' Diċembru 2016 ma jistgħux jitqiesu li kienu bażati fuq l-istess fatti ġuridiċi li taw lok għal dawn il-proċeduri u dan anke a rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u is-sitt il- imputazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tqis li dawn il-proċeduri ma humiex milquta bil-prinċipju tan-*ne bis in idem* u għaldaqstant dina l-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċiedi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tipprova it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt il-imputazzjoni sal-grad rikjest fil-kamp penali u ċioé dak ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni.

## C. Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** *Bejn Jannar 2015 u Jannar 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġiegħlet annimal isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn. Art.8 tal-Kap 439 tal-liġijiet ta' Malta.*

Fix-xhieda tiegħu l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard sostna li meta l-imputata kienet tgħix miegħu u ma ommu, fid-dar kellhom diversi klieb.

Ix-xhud sostna li quddiemu l-imputata kienet taħqar il-klieb. Sostna li lil Peppinu kienet tbellalu ħafna ilma sabiex tipprova toqtlu, lil Tyson sabbtitu mal-ħajt, kissritlu snienu u sa filgħodu miet, filwaqt li lil Axel kienet waddbitu minn fuq il-bejt għal isfel u ċioé għal ġol-bitħa għal diversi drabi.

Fix-xhieda tiegħu l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard sostna li xi ħadd kien anke rrapporta lill-imputata, tant li darba minnhom kienu marru fid-dar tagħhom tal-animal welfare.

Fix-xhieda tagħha Carmelina Attard sostniet li meta t-tifel tagħha Gabriel informaha li lil Tyson kienet sabbtitu, minkejja li l-imputata kienet ħaslet il-bejt, madanakollu kien għad hemm id-demm imtajjar mal-ħajt.

Fix-xhieda tiegħu l-veterinarju Adrian Vella sostna li l-kelb Axel kien daħal bi problemi neuroloġiċi u l-kelb Roxy kien daħal b'uġigħ u bi problemi neuroloġiċi. Roxy kien qiegħed ibati wkoll bi scleral eccymosis u ċioé kellu demm fil-għajn. Id-demm kien jinsab taħt l-istrati superfiċjali tal-għajn ġeneralment tkun dovuta għal xi fatt trawmatiku. Madanakollu ma setax jistabbilixxi x'kien il-kaġun ta' din it-trawma.

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur Paula Ciantar iddikjarat li l-minuri Gabriel kien spjegalha illi kien hemm xi tliet iklieb li kienu pets tagħhom u qalilha: *"Għax Lourdes kienet qatlithom".*

Fix-xhieda tagħha l-Ispettur Paula Ciantar sostniet li Carmelina kienet ikkonfermat magħha li kienet rat xi demm mal-ħajt.

Fl-istqarrija rilaxxata lil pulizija mill-imputata Lourdes Schembri hija sostniet li l-klieb iħammġu. Hija sostniet li Roxy kienet fuqha u waqgħet it-taraġ u kaġun tal-istess waqa' spiċċat ma tarax. Hija ċaħdet li qatt sawtet il-klieb. Sostniet li lil klieb hija kienet tħobbhom ħafna u li fuq kollox hija imdorrija bl-annimali. Kienet tmur tixtrilhom l-ikel u teħodhom għand il-vet. Sostniet li kelb minnhom kienu jagħtuh il-fits u eventwalment miet u kelb ieħor miet bix-xjuħija. Hija nsistiet li qatt ma sawtet klieb.

Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Armando La Cascio** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 2023 ngħad is-segwenti:

*"Illi l-imputat jinstab mixli bl-imputazzjoni regolata mill-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (Kapitolu 439). L-artikolu 8(2) li jiddisponi illi:*

*(2) L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat. Bl-emenda introdotta bl-Att XXXV tas-sena 2014 ġie speċifikat f'aktar dettal liema passi għandhom jittieħdu minn min ikun qed jieħu ħsieb annimal biex jiżgura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn.*

*Bl-introduzzjoni ta' dan is-subparagrafu il-Leġislatur ried jiċċara l-interpretazzjoni tal-artikolu 8 sabiex jinkorpora diversi xenarji differenti u li n-nuqqas tagħhom jistgħu indubjament iwasslu għat-tbatija, mard jew uġigħ tal-annimal miżmum. Bil-piena għal dan ir-reat jigi regolat mill-artikolu 45 tal-istess Att. Illi imbagħad l-artikolu 2 ta' l-Att tagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:*

*"moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġigħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa;*

*Minn dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti jidhrilha li annimal jista' jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija, jew dwejjaq bla bżonn jew li jiġi abbandunat kemm b'azzjoni ta' kommissjoni kif ukoll b'azzjoni t'omissjoni. Tista' tabbanduna annimal billi tkeċċih fiżikament minn daru daqskemm tista' tabbanduna annimal billi tonqos*

*milli titimgħu u tagħti kasu. Tista' ġġegħlu jbati billi ttiħ ikel li ma jkunx tajjeb għalih, daqskemm tista' ġġegħlu jbati billi tonqos milli ttiħ biżżejjed ikel tajjeb għalih. Tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi issawtu fiżikament daqskemm tista' ġġegħlu jbati wġiegħ billi ma ttiħx il-kura veterinarja meħtieġa għal mard jew ġrieħi li jkollu (Appell numru 146 tal-2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo ZAMMIT deċiż mill-Imħallef Aaron Bugeja fit-12 ta' Novembru 2019).*

*L-Imħallef Michael Mallia fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Sp. Fabian Fleri) Vs Joseph Galea (Appell Kriminali Numru. 396/2011 deċiż fid-29 ta' Mejju 2013) kien daħal f'dettal meta evalwa l-moħqrija tal-annimali wara l-każ li qajjem furur wara l-moħqrija u l-qtil tal-kelba Star "L-istorja aggjaccanti illi xxukkjat nazzjon tal-kelba "Star", dan il-kaz partikulari fejn kelba ohra intremiet hajja fi skip ta' l-iskart u thalliet hemmhekk ghal tnax (12)–il siegha shah f'tereturi mmaginabbli sakemm kumbinazzjoni nstabet minn persuna li kien ghaddej vicin dan l-iskip. Il-kaz ta' klieb u qtates imsamrin fuq kurcifiss imhallija mdendla ma xi kancell jew grada, Zwiemel tal-karozzini mhallijin ghal sighat twal weqfin taht il-qilla tax-xemx minghar protezzjoni biex jaghtu sodisfazzjon ta' ftit flus lil sidhom. Klieb imhollija marbuta minghar protezzjoni ghall-elementi, sajf u xitwa. Il-glied tal-klieb organizzat b'mod kalndestin illi minn zmien ghal zmien jitfacca ghal skrutinju mistmerr tal-pubbliku. U fl-ahhar u xejn inqas il- qtil ta' l-annimal ghal divertiment tal-bniedem." L-gharef politiku u kbir statista Mahatma Gandhi darba kien qal illi l-kburija ta' pajjiz huwa meqjuz mill-mod kif il-pajjiz jitratta l-annimali tieghu. Sfortunatament f'dan il-kuntest il-poplu Malti ma tanx ghandu ghalxiex jiftahar fejn minn zmien ghal zmien qeghdin johrogu rapporti u cirkostanzi ta' mohqrija ta' annimali illi jiddisturbaw il-kuxjenza talmaggoranza li ghandhom ghal qalbhom il-gid jew kif inhu maghruf blIngliz "well being" ta' l-annimali.*

*L-annimali wkoll ghandhom id-drittijiet taghhom u bazikament huma maqsuma f'hames taqsimiet:*

*1. Li jigu mehlusa mill-guh, il-ghatx billi jkun hemm access ghall-ilma tax-xorb potabli u dieta biex tassigura s-sahha ta' l-annimal.*
*2. Li ma jkunux soggetti ghal dizagi u skonfort billi jigi provdut ambjent siewi nkluz lquh mill-elementi u post fejn jistghu jistriehu.*
*3. Li ma jkunux soggetti ghall-ugieh, feriti u mard bi prevenzjoni u trattament veterinarju fejn mehtieg.*
*4. Li jkunu jistghu jghixu l-hajja normali taghhom billi jigi provdut spazju, facilitajiet adekwati u jkunu esposti ghal annimali ohra ta' l-ispeci taghhom.*
*5. Li jkunu hielsa mill-biza' u piena billi jkunu assigurati kundizzjonijiet u trattament illi jevitaw tbatija.*

*Il-konsegwenza ta' dawn id-drittijiet mhuwiex li l-bniedem jista' juza u jiddisponi mill-annimali kif irid u kif joghgbu izda ghandu rresponsabilta li jassigura li dawn id drittijiet jigu mharsa."*

*Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Sergio Borg, fil-5 ta' Ottubru 2020, intqal:*

*Illi dan huwa kaz ta' mohqrija ta' annimali da parti tal-imputat liema mohqrija, lil hinn mill-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi migjuba kontrih, mhux biss jirrizulta b'mod manifest mill-atti processwali izda hija wkoll, fil-fehma tal-Qorti, wahda estrema. Huwa minnu li dan l-istat ta' fatt ma jidhrix li huwa frott ta' xi att pozittiv imwettaq deliberatament mill-imputat fil-konfront tal-annimali li kienu fil-kustodja tieghu, izda dan ma jnaqqas assolutament xejn la mit-tbatija u dwejjaq li evidentement soffrew l-annimali in kwistjoni, u lanqas mill-htija tali imputat ghar-reati lilu addebitati. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ilahhqu jekk mhux jeccedu, f'dak li huwa mohqrija u krudelta`, kaz ta' att pozittiv ta' sadizmu. Infatti, l-Artikolu 2 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jaghti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi il-moħqrija fejn jinghad illi:- "moħqrija", fir-rigward ta' annimal, tfisser li ġġiegħel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, isofri uġiegħ jew tbatija li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-għan tagħhom, jew fiċ-ċirkostanzi li fihom ikunu imposti, jkunu żejda jew bla ħtieġa." Il-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw sfiq f'din id-definizzjoni legali ta' "mohqrija"*

Illi f'dan il-każ din il-Qorti għandha sitwazzjoni li teħtieġ li tistabbilixxi min kien kredibbli. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li l-minuri jsostni li ra b'għajnejh il-moħqrija tal-klieb imwettqa mill-imputata u li din il-moħqrija kienet issir mill-imputata meta kien ikun waħdu mal-imputata, min-naħa l-oħra l-imputata Lourdes Schembri dejjem ċaħdet li hija wettqet xi moħqrija fuq il-klieb li kienu jinsabu d-dar tagħhom.

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kenneth Caruana** ngħad is-segwenti:

*"Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu*

*jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina blikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et; IrRepublika ta' Malta vs. George Azzopardi; Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace; Il-Pulizija vs. Anthony Zammit u ohrajn .)"*

Illi fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Buhagiar** ngħad is-segwenti:

*"…U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti."*

Din il-Qorti ssostni li minkejja li l-imputata Lourdes Schembri dejjem ċaħdet li hija sawtet il-klieb, madanakollu hija moralment konvinta li meta l-minuri Gabriel sostna li l-imputata Lourdes Schembri kienet sawtet lill-klieb huwa kien qed jgħid il-verita'.

Dan qiegħed jingħad għaliex mhux biss il-minuri Gabriel kien dejjem konsistenti fil-verżjoni tiegħu, iżda għaliex f'dan il-każ ħarġu diversi fatti li jippuntaw lejn direzzjoni waħda u ċioé diversi fatti li jikkorraboraw il-verżjoni tal-minuri Gabriel.

Fix-xhieda tiegħu l-minuri Gabriel sostna li l-imputata kienet sabbtet lil Tyson mal-ħajt, kissritlu snienu u sa filgħodu miet. Carmelina Attard ukoll tikkonferma li kienet sabet lil Tyson bix-xedaq miksur u sa filgħodu miet. Sostniet ukoll li dakinhar li sabbtet lil Tyson, minkejja li l-imputata Lourdes Schembri ħaslet il-bejt, madanakollu kien għad hemm id-demm imtajjar mal-ħajt.

Fl-istqarrija rilaxxata lil pulizija mill-imputata Lourdes, hija sostniet li Roxy kienet fuqha u il-kelba Roxy waqgħet it-taraġ u kaġun tal-istess waqa' spiċċat ma tarax.

Fix-xhieda tiegħu l-veterinarju Adrian Vella isostni li l-kelba Roxy kienet qiegħda tbati wkoll bi scleral eccymosis u ċioé kellha demm fil-għajn. Id-demm kien jinsab taħt l-istrati superfiċjali tal-għajn li ġeneralment tkun dovuta għal xi fatt trawmatiku.

Din il-Qorti għandha dubji kbar kemm il-kelba Roxy waqgħet it-taraġ b'mod aċċidentali x'ħin kienet fuq l-imputata, anzi l-Qorti temmen li l-kelba Roxy twaddbet mill-imputata għal ġot-taraġ.

Illi din il-Qorti lanqas ma' taqbel ma l-argumenti tal-abbli avukat difensur fit-trattazzjoni finali li l-prosekuzzjoni ma ġabitx prova tad-dati ta' meta seħħet il-moħqrija fuq il-klieb. Dan qiegħed jingħad għaliex fix-xhieda tiegħu l-veterinarju Adrian Vella jindika d-dati ta' meta l-klieb, fosthom Roxy kienu ġew invistati fil-klinika tiegħu.

Għalhekk abbażi ta dak stabbilit hawn fuq, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata sal-grad rikjest mill-liġi, u sejra ssib lill-imputata Lourdes (Maria Lourdes) Schembri ħatja tagħha.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** '*U aktar bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kissru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġabet ruħha b'mod li tat fastidju lil persuna oħra, b'mod li kienet taf jew kien imissha tkun taf li dan kien ta' fastidju għal dawk il-persuni liema persuni huma Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard. Art, 251A, 222(1) 202(h) u 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.'*

Illi l-artikoli 251A tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi s-segwenti:

*"251A. (1) Persuna li:*

*(a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew*
*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew*

*(ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimità fiżika; jew*
*(d) titlob favuri sesswali mingħand persuna oħra; jew*
*(e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bilfomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik limġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*
*(a) l-imġiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*
*(b) l-imġiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew*
*(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

*Iżda l-piena għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **l-Pulizija vs Pierre Darmanin** deċiża fil-25 ta' April 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħad is-segwenti:

*"Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bajada:*

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna lohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli…""*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Vella** deċiża fl-14 ta' Mejju 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ngħad is-segwenti:

*"Il-fastidju prospettat f'dan l-artikolu huwa differenti minn dak li jidher fil-kontravenzjoni 339(1)(n) dwar il-fastidju lixxjuħ. (Ara 'Appell Kriminali: Il-Pulizija kontra Joseph Bartolo – 1955).*

*Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:*

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress.*

*In 'Tuppen vs Microsoft Corporation Limited, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.*

*But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and Anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC.*

*In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.'*

*Il-Qorti kkwotat in extenso biex turi li l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu mhix limitat biss għal dak li qed jissottometti l-appellant. Il-parti li tidher 'in bold' fil-paragrafu ta' qabel turi li dan l-artikolu mhux limitat għal 'stalking' jew li għandu konnotazzjonijiet sesswali biss. Anzi, jidher li dan l-artikolu jista' jkun applikat fi kwistjonijiet domestiċi wkoll speċjalment meta l-ġlied u l-fastidju jkunu laħqu ċerta grad.*

*Il-fatti tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti huma limitati fiż-żmien għal jum wieħed għax hekk hija redatta ċċitazzjoni. Issa l-course of conduct jista' jkun f'ġurnata waħda u mhux bilfors irid ikun mifrux fuq tal ta' żmien. Anzi, jekk l-azzjonijiet ikunu qrib xulxin, aktar jista' wieħed jinstab ħati taħt dan l-artikolu tal-liġi."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alex Calleja** deċiża fis-16 ta' Lulju 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Kriminali ngħad is-segwenti:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spet. Elton Taliana) Vs Denise Falzon, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkummenta hekk b'riferenza għal dan ir-reat:*

*"Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imġieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-*

*Qorti, bejn dik l-imġieba li qed toħloq fastidju u dik li toħloq sempliċement inkonvenjent…""*

Fix-xhieda tiegħu l-minuri Gabriel Ngando Attard sostna li l-imputata kienet tgħix miegħu u ma ommu fl-istess dar. Sostna li l-imputata kienet issawwat lill-ommu. Darba minnhom kienet se tħabbatha mal-ħajt. Dan l-episodju ġara fil-kċina u huwa kien quddiemhom. Sostna wkoll li darba l-imputata kienet marret għal ommu Carmelina Attard bis-sikkina.

Il-minuri Gabriel Ngando Attard sostna li wara l-iskola kienet tmur għalih l-imputata għax ommu kienet tkun għadha x-xogħol. Sostna li meta kien ikollu l-ġuħ kien jispiċċa jiekol l-ikel tal-klieb għax l-imputata ma kinitx tagħtih jiekol u kienet tgħidlu biex jistenna sa filgħaxija. Sostna li meta kienet taqbdu jiekol il-ħelu kienet issawtu bil-lasta tal-ixkupa, jew b'idejha, u ġieli anke sabbtitu rasu mal-ħajt. Huwa sostna li ommu ġieli ratlu xi tbenġil u grif iżda huwa kien jgħidilha li waqa t-taraġ. In kontro-eżami huwa sostna li wara l-każ tal-Qorti li kienu ħafrulha, hija kienet refgħet idejha fuqu, pero b'idha biss.

Fix-xhieda tagħha, Carmelina Attard ssostni li hija sofriet is-swat minn taħt idejn l-imputata. Tispjega kif darba minnhom kienet ġibditha minn xagħra sa l-art. Sostniet li l-imputata ġieli refgħet ida fuq it-tifel, kif ukoll kienet tgħajjru, bħal pereżempju li huwa ikrah u li jinten. It-tifel meta kien żgħir kellu cancer u mhux l-ewwel darba li l-imputata kienet tgħidlu '*j'alla jerġa jaqbdek cancer.'*

Min-naħa l-oħra l-imputata ċaħdet bil-qawwa kollha li hija sawtet lil minuri Gabriel. Sostniet li hija ġieli tgħidlu li jinten bħala ċajta. Sostniet ukoll li hija tgħidlu li jinten biex imur jinħasel. Sostniet li t-tifel jiekol li jixtieq u sostniet ukoll li ma tgħajjatx miegħu meta jiekol il-ħelu, iżda twissieh biex ma joħdilhiex il-ħelu minn kamritha u dan sabiex tikkoreġih minħabba li hu jaqbad u jieħu l-ħelu u l-ġelati mingħajr ma jgħidilha xejn, u minn fuq jgħidilha li mhux hu kielhom. Sostniet ukoll li huwa minnu li t-tifel kien jixrob ilma tal-vit, pero anke hi ġieli xorbot ilma tal-vit.

Fix-xhieda tagħha Carmelina Attard issostni li wara li ntemmet r-relazzjoni ta' bejniethom għall-ewwel l-imputata kienet iċċempel lit-tifel, iżda mbagħad kienet bidlet in-numru tal-mobile tat-tifel u għalhekk ma setgħetx tibqa' ċċempillu. Issostni li lilha kienet iċċemplilha b'mod kontinwu u kienet anke għaddiet xi darbtejn bil-karozza tagħha minn ħdejn il-post tax-xogħol tagħha.

Fix-xhieda tagħha, l-Ispettur Paula Ciantar sostniet li Carmelina Attard kienet qaltilha li fil-ġimgħatejn li l-imputata kienet ilha li telqet mid-dar kienet qed iċċemplilha ripetutament u meta ma kinitx taqbadha kienet iċċemplilha fuq il-post tax-xogħol. L-Ispettur Paula Ciantar sostniet li setgħet tinnota li waqt li hija kienet qegħda tkellem lil Carmelina Attard, l-imputata kienet il-ħin kollu qegħda ċċempel lil Carmelina Attard. Taqta t-telefonata u ftit sekondi wara terġa ċċemplilha. L-ispettur Paula Ciantar sostniet li matul l-investigazzjoni hija kienet talbet lil kumpanija Melita sabiex jiġi stabbilit fuq min huwa rreġistrat in-numru 77377600. Irriżulta li dak in-numru kien rreġistrat fuq l-imputata. Jirriżulta wkoll li saru diversi telefonati bin-numru 77377600 lin-numru 99129866 li kien issejvjat bl-isem Carmen Attard. Madanakollu jingħad li ma nġiebet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li n-numru 99129866 li qiegħed issejvjat bl-isem Carmen Attard huwa propju in-numru tal-mobile ta' Carmelina Attard u ċioé huwa propju n-numru tal-mobile tal-persuna li l-imputata qegħda tiġi akkużata li tatha fastidju.

Min-naħa l-oħra, l-imputata minn dejjem sostniet li ma huwiex veru li hija kienet qegħda tagħti fastidju lil Carmelina Attard. L-imputata ssostni li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli u dana minħabba l-fatt li hija kienet qegħda ċċemplilha sabiex tkun tista tieħu ħwejjiġha lura u dan minħabba l-fatt li ħwejjiġha kollha kienu għadhom fid-dar ta' Carmelina Attard. Minkejja dan jingħad fl-istqarrija tal-imputata jirriżulta s-segwenti:

"Spettur Paula Ciantar: *Meta kont iċċemplilha lil Carmen kont tistaqsiha jekk għadhiex tħobbok ?*
Lourdes Schembri: Ijja.
Spettur Paula Ciantar: U x'kienet tgħidlek?
Lourdes Schembri: *Ma kinitx tweġibni. B'hekk l-iżjed li kont inċempel hux, u jien li kont ngħidilha li jekk iddejjaqt minni aqbad u għidli hux. Hi ma kienet tgħidli*

*xejn fi x'ħin kont ngħidilha biex immur inġib il-ħwejjeġ kienet tgħidli le ħallihom hemm għalissa issa nirranġaw kollox.*
Spettur Paula Ciantar: *U inti ma irrealiżżajtx jiġifieri f'dawn il-ġimgħatejn, m'għadditlekx mill-kurituri ta' moħħok li forsi din il-persuna qed iddejjaqha bl-aġir tiegħek hekk kif il-ħin kollu ċċemplilha u hekk, ma ħsibtx li forsi isma ha ndejjaqha din jekk ha nibqa nċemplilha, ma ġietakx f'rasek? Ma ħsibtx fiha?*
*Lourdes Schembri: Le, ma ħsibtx.*
*Spettur Paula Ciantar: Tifhem imma li stajt iddejjaqa lil persuna b'dan l-aġir ? Tifhem li stajt dejjaqta lil Carmen meta...*
*Lourdes Schembri: Ijja, nifhem, nifhem li stajt dejjaqtha imma xorta kont inċemplilha.*
*Spettur Paula Ciantar: Akkost ta' kollox jiġifieri għax inti ridt iċċempel anke jekk iddejjaqa l-ħaġa trid iċċempel bilfors.*
*Lourdes Schembri: Mmm."*

Illi minn din l-istqarrija jirriżulta ampjament ċar li minkejja li l-imputata kienet taf li hija kienet qegħda iddejjaq lil Carmelina Attard billi kienet qegħda ċemplilha b'mod konsistenti, l-istess imputata xorta waħda għażlet li tibqa' ċċemplilha.

Għalhekk din il-Qorti sejra ssib lill-imputata Lourdes (Maria Lourdes) Schembri ħatja ta' din l-imputazzjoni stante l-fatt li ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi.

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"U aktar talli fl-istess data (bejn Jannar 2017 u Ottubru 2017), lok, ħin u ċirkostanzi, bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil ħaddiehor u cioe lil Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngena Attard biża li se tintuża vjolenza kontrihom. Art 251B, 251H tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta."*

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

*"251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza*

*kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*
*(a) l-imġieba tagħha kienet adottata fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 251A(3)(a) jew (b); jew*
*(b) l-imġieba adottata kienet waħda raġonevoli għall-ħarsien tagħha nnifisha jew ta' ħaddieħor jew għall-ħarsien tal-proprjetà tagħha jew ta' ħaddieħor."*

Illi fis-sentenza **l-Pulizja vs John Pace** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-5 ta' April 2016 ingħad is-segwenti:

*"Ssir riferenza wkoll ghas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef:*

*Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*... illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament il-logika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta'* ***Blackstone's Criminal Practice, 2008****:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini talimsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."*

Illi din il-Qorti hija konvinta li l-minuri Gabriel kien imwerwer ghal diversi drabi li l-imputata kienet se tkun vjolenti fil-konfront tiegħu. Il-minuri ra b'għajnejh lill-imputata tkun vjolenti kemm mal-klieb li kellhom ġewwa d-dar tagħhom u saħansitra anke ma ommu stess. Il-Qorti tagħmilha ċara li minkejja li l-imputata minn dejjem ċaħdet dawn l-allegazzjoni hija temmen bis-sħiħ ix-xhieda tal-minuri Gabriel u anke ix-xhieda ta' Carmelina Attard.

Il-minuri Gabriel tant kemm kien imwerwer li kien jippreferi jiekol l-ikel tal-klieb milli jitlob lill-imputata sabiex tagħtih xi ħaġa x'jiekol u l-ħelu kien jieklu bil-moħbi tal-imputata. Din il-Qorti ma tistgħax issib kliem ta' iktar stmerrija u stonku minn dawk użati mill-imputata meta lil dan it-tifel li għadda mil-marda tal-kanċer, l-imputata tgħajjru u tixtieqlu li jerġa jaqbdu kanċer.

Tant kemm il-minuri kien imwerwer li l-imputata tirrikorri għal vjolenza fil-konfront tiegħu li mix-xhieda tiegħu ħareġ is-segwenti:

*"Qorti: Int lil mummy qatt m'għedtilha b'dak li kien qed jiġri?*
*G.Attard: Le għax kont nibża.*
*Qorti: Minn x'hiex?*
*G.Attard: Jew tagħmilli xi ħaġa jew nimmaġina li toqtolni."*

Xokkanti hija anke x-xhieda ta' Carmelina Attard fejn fost l-oħrajn sostniet:

*"Pero' kull darba li kont ngħidilha li ħa ngħid lil ġenituri tagħha jew lil ħutha kienet theddidni illi ha tagħmilli iktar agħar, lit-tifel titfgħu ġo wheelchair."*

Din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni ġiet pruvata sal-grad rikjest mill-liġi, u sejra ssib lill-imputata ħatja tagħha.

5. **Ir-Raba' Imputazzjoni:** *"U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġunat feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Carmelina Attard u l-minuri Gabriel Ngando Ngeda Attard. Art.221(1), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta."*

Illi kif diġa ngħad, din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-minuri Garbriel u ommu Carmelina Attard. Madanakollu l-proċess huwa sprovvist minn ċertifikat mediku li jindika li l-minuri Gabriel u/jew Carmelina Attard sofrew xi feriti ta' natura ħafifa.

Illi din il-Qorti jidhrilha li ladarba l-proċess huwa sprovvist minn ċertifikat mediku li jikkonferma li l-minuri Gabriel u/jew Carmelina Attard sofrew xi feriti ta' natura ħafifa, l-imputata ma għandhiex tinstab ħatja ta' din l-imputazzjoni. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li sabiex tiġi pruvata din l-imputazzjoni, kien fundamentali li jiġi preżentat ċertifikat mediku li jindika li l-minuri Gabriel u/jew Carmelina Attard sofrew xi feriti ta' natura ħafifa.

Għalhekk il-Qorti ma hijiex se ssib lill-imputata ħatja ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi.

6. **Il-Ħames Imputazzjoni:** *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-kodiċi, jew jekk kienet ipprovokata, ħarġet barra mill-limiti ta' provokazzjoni.*

   Illi huwa evidentement ċar li l-ħames u s-sitt imputazzjoni ingħataw bħala alternattiva għal xulxin. Stante il-fatt li l-imputata sejra tinstab ħatja tas-sitt imputazzjoni, din il-Qorti se tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

7. **Is-Sitt Imputazzjoni:** *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, għad li kellha l-jedd li twiddeb lil ħaddieħor, ħarġet barra mill-qies.*

   Illi bl-istess mod imsemmi preċedentement, huwa evidentement ċar li l-atteġġjament tal-imputata fil-konfront tal-minuri Gabriel u Carmelina Attard kien wieħed li ħareġ il-barra mill-qies. Illi għalhekk l-imputata sejra tinstab ħatja ta' dan ir-reat kontravenzjonali.

**D. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandha tiġi inflitta. Il-Qorti ħadet nota tal-fatt li mis-Social Inquiry Report jirriżulta li Carmelina Attard sostniet li hija ma tixtieqx deni lill-imputata u li bejn il-partijiet ma kienx hemm aktar problemi bejniethom. Ħadet nota wkoll tal-fatt li kien hemm perjodu f'ħajjet l-imputata li kienet maħkuma bil-vizzju tad-droga li iżda b'sodisfazzjon jidher li l-imputata ħadmet u rnexxielha tegħleb dan il-vizzju misħut tant li minn żewġ testijiet tal-urina li ttieħdu mingħajr pre-avviż nhar it-23 ta' Lulju 2024 u l-20 ta' Settembru 2024 dawn irriżultaw fin-negattiv għas-sustanzi tal-kokaina, eroina, kannabis, amfetamina u meta-amfetamina.

Ikkunsidrat anke l-fatt li llum il-ġurnata f'ħajjet l-imputata ma jidhirx li hemm problemi partikolari li għandhom bżonn li jiġu ndirizzati, kif ukoll li dawn ir-reati seħħew tmien snin ilu.

Minkejja dan, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li r-reati li tagħhom l-imputata nstabet ħatja huma serji ħafna fejn minuri u ommu sfaw vittma u sofrew konsegwenzi li jaf immarkawhom għal ħajjithom. Il-minuri Gabriel fil-fatt sofra ħafna minn taħt id l-imputata'. Bla dubju ta' xejn l-atteġġjament tal-imputata fil-konfront tal-minuri Gabriel wassal sabiex il-minuri Gabriel għadda minn trawma kbira, u dak li għadda minnu se jħalli t-timbru tiegħu għal ħajtu kollha.

Huwa evidentement ċar li l-minuri Gabriel mhux talli ma sabx l-imħabba li kull minuri għandu jsib u jkollu minn dawk l-aktar qrib tiegħu, iżda sofra minn abbuż u vjolenza. Mhux talli l-imputata Lourdes, u kif issejħilha hu stess fix-xhieda tiegħu 'il-mummy', persuna li hija sinonima ma l-aktar persuna f' ħajjitna, flimkien mal-missier, ta' refuġju, ma pproteġitux mill-ħażen u t-tbatija li toffri din id-dinja, iżda esponitu għalihom u kienet hi stess li dewqitu l-imrar li taf toffri l-ħajja.

Huwa xokkanti li l-imputata kienet issawwat b'mod salvaġġ u tgħajjar lil minuri Gabriel u saħansitra  anke tgħidlu li j'Alla jerġa jaqbdu kanċer. Xokkanti li l-minuri ġieli kiel bil-moħbi l-ikel tal-klieb biex ma jitlobx lill-imputata xi ħaġa ta' l-ikel għax l-imputata ma kinitx tagħtih jiekol sa ma jsir il-ħin għal ikla ta' filgħaxija. Xokkanti kien li filwaqt li l-imputata kienet tixrob l-ilma tal-fliexken, u lil minuri Gabriel kienet iġġegħlu jixrob ilma tal-vit. Xokkanti kif il-minuri kien ikollu jiekol il-ġelati u l-ħelu bil-moħbi tal-imputata. Xokkanti kif quddiem il-minuri kienet issawwat b'mod salvaġġ lil klieb li kellhom id-dar fejn dawn l-istess klieb spiċċaw biex mietu u anke sawtet lil ommu quddiemu stess.

Id-dar għandha tkun post fejn il-familja fid-diversi forom tagħha tingħad, post fejn l-ulied isibu jistennewhom il-protezzjoni u l-imħabba li tant tixraqilhom. Għal minuri Gabriel id-dar ma kienet xejn ħlief post ta' terrur.

Il-liġi qegħda hemm u għandha tiġi mħarsa sabiex tassigura li l-vulnerabbli jkunu protetti. Il-Qorti trid tassigura li ssir ġustizzja f'każ fejn quddiema għandha minuri li sofra tbatija u konsegwentement spiċċa ttrawmatiżżat għal għomru.

Dak li għamlet l-imputata jimmerita li jiġi indirizzat b'mod iebes għaliex minħabba fiha minuri ta' għaxar snin sofra ħafna. Kif diġà ngħad il-Qorti għandha akkost ta' kollox

tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli u bla dubju ta' xejn minuri ta' għaxar snin huwa l-iprem eżempju ta' dak li huwa vulnerabbli. Is-sanzjoni applikabbli għalhekk jeħtieġ li tkun waħda ċara u li tibgħat messaġġ ċar.

## E. <u>Konkluzjoni</u>

Għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames (5) imputazzjoni, issib lill-imputata Lourdes (Maria Lourdes) Schembri detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 373576(M) mhux ħatja tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha u minnha tilliberaha, u wara li rat l-artikolu 8 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 202(h), 222(1), 222(1)(a), 251A, 251B, 251H u 339(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputata Lourdes (Maria Lourdes) Schembri detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 373576(M) ħatja tal-ewwel (1) imputazzjoni, tat-tieni (2) imputazzjoni, tat-tielet (3) imputazzjoni, u tas-sitt (6) imputazzjoni u tikkundannaha għal piena ta' priġunerija għal żmien ta' tletin (30) xahar kif ukoll għal multa ta' ħmistax il-elf ewro (€15,000) u wara li rat l-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li 'l-ħlas isir permezz ta' rati mensili ta' erba' mija u għoxrin Ewro (€420) kull xahar, bl-aħħar pagament ikun tal-bilanċ rimanenti, b'dan illi jekk ma jsirx ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u jekk il-multa ma titħallasx puntwalment tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-ħatja a favur ta' Carmelina Attard u Gabriel Ngando Ngeda Attard għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-llum, skont il-kondizzjonijiet msemmija fid-digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikoli 383 et. seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li diġà pprovdiet għal protezzjoni tal-partijiet leża bl-applikazzjoni tal artikolu 382A.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Trażżin maħruġa llum u li tifforma parti minnha lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tordna ukoll in-notifika tal-Ordni ta' Trażżin lill-partijiet leża. Finalment il-Qorti tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal atti u għas-sentenza tal-llum fi żmien sitt (6) ijiem mil-llum.

| | |
|---|---|
| **Dr Kevan Azzopardi** | **Josanne Gauci** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**